**MINUTI LAQGĦA NUMRU 35**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ħamis, 17 ta' Ġunju 2021, fl-4:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 35.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 35.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

35.2.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrefera għal para numru 33.4.6, u talab li ssir korrezzjoni biex tkun tinqara "żewġ *stop signs*".

35.2.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jiżdied is-segwenti f'para 33.14.5: "Billi l-kwotazzjonijiet imsemmija ġejjin mingħand A&M Printing, jien ser noħroġ 'il barra mil-laqgħa mhux għax hemm konflitt ta' interess imma billi s-Sindku fir-risposta tiegħu lill-bord tal-governanza ipprova jimplika li hemm konflitt ta' interess bejni u A&M Printing. Billi l-każ għadu miftuħ, inħoss li din hi l-aħjar ħaġa li għandi nagħmel f'dan il-mument."

35.2.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li jiġi kkoreġut para 33.4.11, biex l-ewwel sentenza tkun tinqara' hekk kif ġej: "Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak iċċarat li



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

f'din il-laqgħa (vide 33.4.10) issemma' għall-ewwel darba li l-approval irid joħroġ mis-Segretarju Permanenti."

35.2.4 Wara li saru dawn it-tliet korrezzjonijiet, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 33.

## 35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

35.3.1 Is-Sindku ippropona li fi Triq il-Barbagan jiġi installat *railing* għas-sigurta' tan-nies u bankijiet. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li hi kienet diġa' pproponieta xi żmien qabel. Il-Kunsill qabel unanimament li jitqabbad perit biex jipprovdi disinn u anke jipproponi post alternattiv għal fejn għandom jiċċaqalqu l-iskips.

35.3.2 Is-Sindku informa li ltaqa mal-Perit Bigeni u Chief Engineer tal-Water Services Corporation (WSC) dwar il-proġett tad-distillatur ġo Ħondoq. Hu ġie infurmat li l-*budget* għall-proġett kien €11 -il miljun, u li s'issa intefqu €10 miljuni. Ic-*Chief Engineer* issuġġerixxa li jsir *nature park* wara d-distillatur a spejjez ta WSC. Jeżisti qbil bejn il-WSC u s-Sindku li jekk WSC japplikaw biex iwaqqgħu iċ-ċumnija u t-tankijiet li hemm fuq wara d-Distillatur, il-Kunsill se jkun qed jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Ic-*Chief Engineer* semma wkoll li matul ix-xahar id-dieħel ser isir xi xogħol ta' *welding* fil-parking ta' Ħondoq, liema xogħol ser jieħu numru ta' ġranet.

35.3.3 Fuq parir tal-avukat, is-Sindku ippropona li ssir talba lill-Magun biex ikompli jagħmel il-parti li għada ma saritx minn Triq Andar ix-Xaghri, min butu; bħala kumpens talli li qed juza il-grawnd. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.3.4 Wara li ħareġ artiklu fuq *The Shift* News bit-titlu "*Gozo Grab 10: Parliamentary committee to discuss law aimet at foundation's Gozo land grab*"; is-Sindku talab u l-Kunsill approva li nqabbdu perit u avukat ħalli jiġi żgurat li d-drittijiet (aċċess) tal-Kunsill u r-residenti tal-Qala ma jiġux mittiefsa.

35.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fi Ġnien il-Familja, qed isir xogħol fuq injam (tqaxxir ta' żebgħa antika żebgħa ġdida undercoat u top coat) kull fejn hemm bżonn. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.3.6 Is-Sindku rrapporta li minn meta l-ħaddiem tal-Kunsill ilu barra bis-*sick* leave, in-numru ta' Skips li qed jintlew nhar ta' Tlieta u Sibt naqas minn 3 għal 2, kull darba. Is-Sindku irrimarka li dan jissarraf fi ffrankar ta' flus fuq skips.

35.3.7 Is-Sindku informa li l-appell Pawlu Scicluna għandu joħroġ riżultat mill-Qorti lejn l-aħħar ta' Ġunju. Is-Sindku ikkummenta li, fl-opinjoni tiegħu, l-avukati tal-Kunsill u tal-PA tellgħu argumenti tajbin quddiem il-Qorti.

35.3.8 Is-Sindku semma li qed isiru ilmenti lill-Kunsill mill-*intervention team* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar nuqqas ta' indafa f'ċertu toroq. Is-Sindku stqarr li hi x-xewqa tiegħu li jara kullimkien nadif, imma aħna ma għandniex biex naħdmu. Bħalissa l-Kunsill għandu ħaddiem wieħed biss inaddaf it-toroq u waqt li waħdu qiegħed jagħmel ħafna xogħol, xorta ma jistax ikun li jlaħħaq mar-raħal kollu.

## 35.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

35.4.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma l-kaz ta' Triq il-Wardija li nqalgħet qabel il-festa sena ilu, u li sa issa għada ma saritiliex il-kisja tal-aħħar. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li mhux xieraq għar-residenti li jgħixu b'gandott f'nofs triqathon. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li jħoss li għanda tinzamm pressjoni fuq il-Ministeru, tiġi inkluza fl-aġenda tal-laqgħa mal-Ministru.

35.4.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li għall-ġimgħa tal-festa nagħlqu l-Pjazza biex anke nagħtu sinjal ta' inkoraġġament lis-sidien tal-Bars; u jinġiebu żewġ wardens. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.4.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg irrimarka fuq ilmenti li irċieva diversi ilmenti fuq *caravans* ġewwa Hondoq ir-Rummien, li jifhem li hi propjeta' privata. Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra ġab anke is-Supretendent tal-Pulizija fuq il-post fuq dan il-każ. Is-Supretendent qal li peress li din hi art privata il-pulizija ma għandom l-ebda ġurisdizzjoni. Fil-frattemp qed nistennew stima tax-xogħol fuq riċerki li ssemmew f'laqgħa numru 33. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuggerixxa li s-sena d-dieħla jinġiebu ġebel kbir u jibblokkaw l-aċċess għal art privata. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li tinħareġ stqarrija qasira f'dan ir-rigward. Intlaħaq qbil li tiġi fformolata stqarrija f'dan ir-rigward.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.4.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar żviluppi fuq il-*yellow line* fi Sqaq ġo Triq il-Wardija. Is-Sindku qal li Transport Malta qed jitolbu li r-residenti kollha jiffirmaw petizzjoni. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq ser tkun qiegħda tieħu ħsieb.

25.4.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar kienx hemm żviluppi fuq ir-railing tal-islipway ġewwa Hondoq ir-Rummien. Is-Sindku qal li ser ikunu qed jitwaħħlu il-ġimgħa d-dieħla u ser isiru tal-i*stainless steel*.

25.4.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiex dwar kellniex żviluppi fir-rigward tal-applikazzjoni għal swimmers zone ta' Bumbarin. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma kif din l-applikazzjoni ġiet anke diskussa ma Uffiċjali ta' Eco Gozo halli tkun tikkumplimenta mal-*Blue Flag Status* ta' Hondoq ir-Rummien u li ġiet sottomessa Transport Malta lejn l-aħħar ta' Mejju. Is-Sindku żied li bħalissa qiegħed isir *chasing* lil Transport Malta dwar din l-applikazzjoni.

25.4.7 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet jekk jistax jiġi allokat spazju għal tal-Kayaks ġewwa Hondoq. Is-Sindku qal li jekk nallokaw post lilt al-Kayaks ikun hemm oħrajn li jitolbu li jintalbu allokazzjoni, u li għalhekk ikun aħjar jekk kollox jibqa' kif inhu.

25.4.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li nħarqet bozza fi Triq il-Belvedere. Ġie ssuġġerit li Cassar Meijlak titkellem ma din il-materja mal-iskrivana tal-Kunsill.

25.4.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li t-tapit fuq il-Belvedere huwa mtaqqab. Is-Sindku qal li ma ra xejn, izżda ser ikun qed jivverifika halli jekk hemm bżonn issir tiswija.

25.4.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuġġeriet li ssir tabella fi Triq il-Belvedere li tindika id-dati tar-rimi ta' skart. Dan għaliex qed jitħalla skart mhux fil-ġranet propja tagħhom u qed jinġemgħu ħafna boroż għal tul ta' żmien bil-konsegwenti nuqqas ta' iġjene. Il-Kunsill qabel ma dan.

25.4.11 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuġġeriet li tiżżejjen siġra bil-*crochet* mill-*crafty ladies*. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

25.4.12 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jsiru festuni madwar il-pjazza. Intlaħaq qbil li qabel isir dan inkunu qed nitkelmu ma tal-armar l-ewwel. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

35.4.13 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai Stop staqsa fuq l-istop signs fejn tar-rajjutt, dwar il-għala wara xahrejn u aktar minn meta qajjimha għada ma saritx. Is-Sindku wieġeb li peress li t-triq bħalissa ma tistax tingħalaq, hemm il-periklu li l-vetturi ma jagħtux ċans liż-żebgħa tinxef. Gie suggerit li jsiru bil-lejl ħalli iż-żebgħa jkollha iżjed ċans biex tinxef.

35.4.14 Il-Kunsilliera Valerie Casar Mejlak staqsiet kienx hemm żviluppi fuq il-kaxxa parkeġġ għal Kumpannija GoTo. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li mill-aħħar laqgħa 'l hawn ma kienx hemm aħbarijiet ġodda.

35.4.15 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li jitneħħa il-fanal li hemm miksur Pjazza Anton Buttigieg. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 35.5 Aġġornament fuq "EUrope Is a State of Mind" (EUISM);

35.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li, mill-aħħar laqgħa kellu numru ta' laqgħat mas-Sur Paul Fenech. Il-venue ta' Settembru inbidlet minn Porto ghal Yeri minħabba li dawn tal-ewwel ser ikollhom l-elezzjonijiet dak iż-żmien. Responsabiltajiet tal-Kunsilliera għall-konferenza ta' Yeri ser jibqgħu l-istess.

35.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li ġranet wara li nqatgħu il-biljetti tal-ajru ma Cyprus Air, l-Emirates ħabbru li kienu qed jerġgħu jiftħu is-servizz tagħhom lejn Malta. Peress li diġa' kienu nqatgħu il-biljetti għal Yeri mal-Emirates (qabel Marzu 2020), issa irridu naraw il-biljetti tal-Emirates humiex refundable. L-ewwel prijorita' ser tkun li jinqatgħu il-biljetti ta' Porto, imbgħad naraw kif ser nibqgħu fuq il-biljetti ta' Cyprus Air jew Emirates.

## 35.6 Aġġornament fuq il-proġett ta' Urban Greening;

35.6.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg irrapporta li din il-ġimgħa intbgħatet email mingħand ELC biex jinbidlu xi siġar li hemm imsemmija fil-proġett. Intalab parir



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

mingħand Joseph Bonello, fejn dan għamel xi suġġerimenti f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qbel unanimament li nimxu fuq il-parir ta' Joseph Bonello. Intlaħaq qbil li nitolbu go ahead mingħand Ambjent Malta qabel ma nipproċedu fuq il-parir tas-Sur Bonello.

35.6.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li l-Arċipriet jixtieq li nippruva nagħmlu *trays* għal taħt il-qsari tal-Knisja. Intlaħaq qbil li nitkellmu dwar dan ma tal-ELC. Barra minn hekk l-Arċipriet talab li nhar il-25-26-27 ta' Ġunju is-siġar ta' fuq iz-zuntier ma jissaqqewx minħabba funzjonijiet fil-knisja. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għal dan.

## 35.7 Aġġornament fuq ix-xogħol fi triq il-Kunċizzjoni;

35.7.1 Is-Sindku irrapporta li ix-xogħol fi Triq il-Kunċizzjoni miexi b'pass tajjeb. Saret talba biex il-Bankini li jsiru bl-Urban Improvement Fund. Saru l-aħħar toqob tal-manholes u fil-futur qarib għandu jibda jsir xogħol ta' scarifying. Xogħol waqaf tliet ijiem sakemm intbgħatu xi samples għat-testijiet f'Malta. Ix-xogħol huwa stmat li jkun lest sa xahar ieħor.

## 35.8 Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill – aġġornament fuq xogħolijiet varji;

35.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta fuq laqgħa li saret laqgħa mal-perit tal-kunsill izjed kmieni dak inhar fejn ġew diskussi is-segwenti proġetti:

35.8.2 Playing Field Maġistrat Salvu Attard – ġiet sottomessa applikazzjoni għal Urban Improvement Fund (UIF). Il-Bill of Quantities għar-railings u rampa tinsab fl-aħħar stadju. Ġie ssuġġerit li ssir laqgħa mal-winning bidder ħalli jibda jordna l-materjal.

35.8.2 Traffic Management Triq il-Kunċizzjoni – il-pjanti huma lesti u qed jistenna l-go ahead tal-Kunsill biex jiġi sottomess għand il-PA. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.8.3 Triq il-Kunċizzjoni – il-gandott għall-high tension cables m'huwiex eleġibbli għall-UIF, u is-Sindku qal li ser inkunu qed nippruvaw inġibu fondi għalih minn band'oħra.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.8.4 Triq l-Indipendenza – L-Aġent Segretarju Eżeżuttiv talab permess mingħand il-Kunsill biex nibgħatu email lill-perit biex nitolbuh jibda x-xogħol fuq BOQ għal din it-Triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.8.5 Proġett tar-Roundabouts – Il-Kunsill qabel li nibgħatu email lill-perit ħalli jkun jista' jibda l-proċess tat-tendering għal dan il-proġett. Dan il-proġett huwa eleġibbli għal fondi tal-UIF.

35.8.6 Proġett restawr Statwa San Ġużepp fi Pjazza Repubblika – Għandna fondi allokati mill-Eco Gozo. Il-Perit se jkun qed ikellem tnejn min-nies li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol biex tinħarġilna quotation.

35.8.7 Sinjali tat-traffiku, *żebra crossing* fi triq l-Imġarr, u *sleeping police* ta' Triq il-Belvedere jinsabu fi stadju ta' design f'idejn il-perit.

35.8.8 Ġebla l-Wieqfa – is-sidien ikkuntattjaw lis-Sindku. Għandhom jiltaqgħu u is-Sindku ser ikun qed jirrapporta lura lill-Kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li ssir riċerka halli jiġi kkonfermat li l-art li tinsab fuqha l-Ġebla l-Wieqfa hija fil-fatt propjeta' privata.

35.8.9 Triq Andar ix-Xagħri – Il-perit qed jissuġġerixxi li jsir xogħol ta' tisbiħ f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li jqabbad lill-perit ħalli jibda jaħdem fuq *concept* għal din it-triq.

35.8.10 Triq it-28 ta' April 1688 – Il-perit ser ikun qiegħed jirrevedi it-*tender document*. Il-Kunsill qabel li l-perit jipproċedi għall-ħruġ tat-tender.

## 35.9 Qala International Folk Festival 2021;

35.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar l-aħħar direttivi tal-Awtoritajiet tas-saħħa. Il-Kunsill qabel li jkompli jippjana għal serata waħda, u nibqgħu attenti għas-sitwazjoni kif tiżviluppa peress li s-sitwazjoni għadha fluwida ħafna.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 35.10 Dawl f'Hondoq ir-Rummien;

35.10.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed isir tiftix ta' stimi biex tiġi installata sistema ta' dawl ġewwa Hondoq ir-Rummien. Id-dawl irid ikun LED għax fejn il-baħar ikun hemm ħafna ħsara. Trid issir ukoll stima għal kanni li magħhom irid jitwaħħal dan id-dawl, u jintalab permess mill-Ministeru biex jittieħed dawl mill-*meter* tal-Public Convenience.

## 35.11 Mafkar għall-memorja tal-Mejtin tal-Gwerer;

35.11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsill li qed isib għajnuna mis-Sur Charles Bezzina, fejn dan ipprovda abbozz ta' kif trid issir il-lapida. Il-pass li jmiss hu li tinħareġ sejħa għal stima tal-lapida, ħalli l-Kunsill ikollu ħjiel tal-ispiża u dimensjoni ta' dan il-mafkar; biex minn hemm wieħed ikun jista' jibda jfittex post adattat fejn jiġi installat.

35.11.2 Barra minn hekk, is-Sur Bezzina qed jipproponi li jiġi stampat ktejjeb tal-okkażjoni, u ipprovda lill-Kunsill b'abbozz tal-kitba għall-ktieb. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ħaga li hemm bżonn hi kemm se jiġi kbir il-mafkar ħalli imbgħad wieħed ikun jista' jibda jaħseb biex jidentifika sit.

## 35.12 Korrispondenzi;

35.12.1 Talba mingħand Transport Malta biex il-*bus stop* li hemm il-Kunċizzjoni tiċċaqlaq. Il-Kunsill innota li mhux l-ewwel darba li saret din it-talba. Intlaħaq qbil li l-Kunsill jibgħat parir biex kollox jibqa' fejn hu, biex jibqa' konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet li ntbagħtu fl-imgħoddi għal talbiet fuq l-istess *bus stop*.

35.12.2 Ittra mingħand Radju Lehen il-Qala fejn qed jitolbu għajnuna biex issir inizjattiva ta' *sound system* fil-Pjazza u fi Triq it-28 ta' April 1688 fi żmien il-festa. Il-Kunsill qabel li jingħataw €900 għal din l-inizjattiva.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 35.13 Materji oħrajn;

35.13.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li t-tender tat-*Truck* għalaq u li ġiet sottomessa offerta waħda. Il-Kunsill qabel li jinħatru is-Sinjuri John Buttigieg, William Sultana, l-Ing. Mario Cauchi, is-Sindku bħala *Chairperson* u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju għal bord ta' Evalwazzjoni; biex dan l-istess bord ikun jista' jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu fuq dan it-tender.

35.13.2 Is-Sindku ippropona li jinxtara rigal lil Gabriel Vella, li ser ikun qed jiġi ordnat Djaknu fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill unanimament qabel li jagħti struzzjonijiet lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jinxtara' dan rigal lil Vella għal din l-okkażjoni unika.

35.13.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qabbad lil Paul James Mizzi jagħmel *letterhead* ġdida għall-Kunsill; u ppreżenta fil-laqgħa l-aktar abbozz li intogħġob. Il-Kunsill qabel mad-disinn. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed ifittex kwotazzjonijiet biex issa jsir l-istampar tal-*letterhead* fuq karta biex tkun tista' tintuża f'korrispondenzi uffiċjali.

35.13.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta inċident fiċ-Ċentru Ċiviku fejn persuna baqgħet dieħla ġol-uffiċċju tiegħu mingħajr permess u kellha tintalab l-għajnuna tal-Pulizija. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li apparti li dan kien *security breach*, inċident bħal dan ipoġġi lill-iskrivani f'ċertu periklu u wera x-xewqa li jiżdiedu l-miżuri ta' sigurtà biex jiġu protetti aħjar l-impjegati. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

35.13.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li riċentement sar *servicing* tal-*Air Condition (AC) units* taċ-Ċentru Ċiviku, u li nstab li l-AC fl-uffiċċju tas-Sindku wasal għal bidla minħabba li juża gass li ma għadux jiġi. L-istess persuna li għamlet is-*servicing* ippreżentat stima għal AC li taqa taħt it-*threshold* għal *direct order*. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ordnat dan l-AC.

35.13.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li l-ħaddiem Lawrence Cauchi talab li jiġi ttrasferit minn mal-Kunsill, u li hu (Aġent Segretarju Eżekuttiv) informa lid-Dipartiment li ma jsib ebda oġġezzjoni għal dan it-transfer bil-kundizzjoni li l-Kunsill tal-Qala jingħata *replacement*.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.13.6.2 Barra minn hekk, l-istess Cauchi ma rrapportax għax-xogħol wara li spiċċalu iċ-ċertifikat tas-*Sick*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr li ma jistax iħalli ħaddiema jagħmlu li jridu b'dan il-mod għaliex iqum periklu li ħaddiema bieżla jiġu affettwati ħażin minn attitudni simili u għalhekk talab lid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) biex jibdew proċeduri dixxiplinari kontra l-istess Cauchi. Sakemm il-Kunsill jiġi avżat mod ieħor, Cauchi jibqa' ħaddiem mal-Kunsill tal-Qala.

35.13.7 Ġie pprezentat ir-rapport ta' Quarter 4 tas-sena 2020. Wara li ġie diskuss dan ir-rapport, il-Kunsill qabel unanimament ma dan ir-rapport.

35.13.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 07/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

## 35.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-6:50 ta' filgħaxija. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss li ġie propost li ssir nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021 fl-4:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Lorne Cremona<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt